MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2012

Appell Kriminali Numru. 534/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Mario Bonello)**
**(spt. Carmelo Bartolo)**
**Vs**
**Paul Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat [detentur tal-karta tal-identita` numru 753360M] quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli

1. Matul il-lejl ta' bejn it-30 ta' Awissu, 2000 u il-31 ta' Awissu 2000, waqt li kien qed issuq il-vettura tal-marka BMW, bin-numru tar-registrazzjoni ta' barra 445699, fi Triq Sant Andrija limiti tal-Gharghur, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti kkaguna offizi ta' natura gravi u permamenti fuq il-persuna ta' Anne Fiona Dowling minn San Pawl il-Bahar skond ma iccertifika Dr Kevin Zammit MD ta' l-isptar San Luqa;

2. Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi waqt li kien qieghed isuq il-vettura tal-marka BMW, bin-numru tar-registrazjoni ta' barra 445699, fi Triq Sant Andrija limiti tal-Gharghur, b'nuqqa ta'hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe' il-vettura bin-numru tar-Registrazjoni ABF -517 , liema hsara li tammonta ghal aktar minn hames mitt lira Maltija saret ghad-detriment ta' Anne Fiona Dowling minn San Pawl il-Bahar.

3. Kif ukoll talli fl-istess data u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer bil-qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat;

4. Kif ukoll talli fl-istess data u cirkostanzi, f'dawn il-gzejjer iddenunsja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

5. Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer fl-istess data, u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg, jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazjoni jew stqarrija falza, jew ta' taghrif falz;

6. F’dawn il-Gzejjer, matul il-perjodu ta' bejn il-31 ta' Awissu 2000 u x-xhur ta' qabel, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta kwalifiki foloz, jew billi inqeda' b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika ghamel qligh ta' aktar minn hames mitt lira Maltija ghad-detriment tad-dirigenti tal-Kumpanija assikuratrici "Fogg Insurance";

7. F'dawn il-Gzejjer, matul il-perjodu ta' bejn il-31 ta' Awissu 2000 u x-xhur ta' qabel din id-data, bi hsara ta' haddiehor u cioe' id-dirigenti tal-kumpanija assikuratrici "Fogg Insurance" ghamel xi qligh b'qerq;

8. F’dawn il-Gzejjer, fl-istess data, u cirkostanzi, wara li gara' accident li jinvolvi offiza fuq persuna ohra, jew giet ikkagunata hsara lil xi vettura, annimal jew propjeta ohra, bhala id-driver tal-vettura bin-numru tar-registrazjoni ta' barra 445699, naqas li jieqaf kif kien mehtieg li jaghmel minn persuna li kellha raguni bizzejjed li titlob li jsir hekk u jaghti l-isem u l-indirizz tieghu, l-isem u l-indirizz tas-sid tal-vettura bil-mutur, id-dettalji tal-assiguratur tal-vettura kif ukoll il-marka jew in-numru tar-registrazjoni tal-vettura;

9. F'dawn il-Gzejjer, matul il-perjodu ta' bejn il-31 ta' Awissu 2000 u ix-xhur ta' qabel din id-data, biex ha licenzja ta' vettura tal-mutur jew biex ha certifikat ta' sigurta' jew certifikat ta' garanzija taht l-Ordinanza dwar Assigurazzjoni ta' vetturi tal-mutur ghar-riskji ta' terzi persuni, ghamel dikjarazjoni falza jew heba' xi informazzjoni sostanzjali;

10. F'dawn il-Gzejjer, fl-istess data, u cirkostanzi, issoprima' jew b'xi mod iehor qered jew biddel it-tracci jew l-indizji ta' reat li kien delitt suggett ghall-piena ta' mhux anqas mill-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' sena;

11. F'dawn il-Gzejjer, fl-istess data, u cirkostanzi, biex iqarraq l-awtorita', gab quddiem din l-awtorita' atti, dikjarazjonijiet jew certifikati veri, u ghaddihom b'qerq bhala li jirreferixxu ghalih jew ghal haddiehor;

12. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq il-vettura tal-ghamla BMW bin-numru tar-registrazjoni ta' barra 445699 b'manjiera traskurata u perikoluza;

13. Fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, saq il-vettura tal-ghamla BMW bin-numru tar-registrazjoni ta' barra 445699 b'velocita' eccessiva;

14. Qieghed jigi akkuzat f'isem il-Kontrollur tad-Dwana u f'isem il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-valur mizjud talli nhar il-31 ta' Awissu 2000 u/jew f'xi data qabel, kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu billi laqa'/jew zamm il-vettura tal-marka BMW bin-numru tar-Registrazjoni ta' barra 445699, minghajr l-awtorita' mehtiega tal-Kontrollur tad-Dwana

15. L-imsemmija vettura kienet giet importata f'Malta fuq bazi temporanja fis-16 ta' Gunju 2000 minn Raimondo Valerio Corradi bid-dokument tad-Dwana TIT5568/99 u rilaxxata lilu taht il-kundizzjonijiet stipulati fl-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni

16. F'dawn il-Gzejjer, fis-16 ta' Gunju 2000, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu, bil-hsieb li jigi evadut id-Dazju u t-taxxa fuq il-valur mizjud ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u/jew ukoll xi restrizjoni jew limitazjoni ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta xjentement, bil-kooperazzjoni ta' Raimondo Valerio Corradi, kellu b'xi mod x'jaqsam filli hajjar, ghen jew assista biex isir dikjarazjoni jew stqarrija falza jew taghrif falz lil Awtorita' tad-Dwana biex giet importata l-imsemmija vettura;

17. F'dawn il-Gzejjer fil-perjodu ta' wara is-16 ta' Gunju 2000 xjentement kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu vettura li fuqha d-Dazju u/jew it-Taxxa fuq il-valur mizjud dovuta, ma kienux jew imhallsa u/jew kawtelati u li l-importazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretta;

18. Din il-vettura ghandha valur ta' ghaxart elef lira Maltija (LM10,000), Dazju xejn u taxxa fuq il-Valur Mizjud ta' elf u hames mitt lira Maltija (LM1500)

19. Dan bi ksur ta' l-Artikoli 60 (c) (d) (e) (k), 62 (a) (b) (c) (e) (f) (g) (h) (l) (k) (n) tal-Ordinanza tad-Dwana Kap 37, kif ukoll ta' l-Att Dwar id-Dazji tal-Importazjoni Kap 337 tal-ligijiet ta' Malta

20. F'dawn il-Gzejjer, matul il-lejl ta’ bejn it-30 ta’ Awissu, 2000 u il-31 ta’ Awissu 2000 irrenda' ruhu recediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

wara li nstab hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-2 ta' Dicembru, 2010, li biha wara li rat l-artikoli 226(1)(a) u 30 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellat hati tar-reat li kkaguna offiza involontarja fuq il-persuna ta' Fiona Dowling u ta' sewqan perikoluz u traskurat u kkundannatu multa ta' elfejn Ewro (€2000) u swalifikatu milli jzomm jew jotjeni l-licenzja tas-sewqan għal zmien tliet (3) xhur.
Il-Qorti ddikjarat lill-appellat mhux hati tal-bqija tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement illiberatu minn dawn l-akkuzi.

B'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti kkundannat lill-appellat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' mitejn u tmienja w disghin Ewro u sittax-il Ewro centezmi (€298.16) liema ammont jirraprezenta l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' esperti f'dan il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-16 ta' Dicembru, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi :

1. tikkonferma dik il-parti fejn l-appellat instab hati tal-ewwel, tat-tnax u tat-tlettax l-akkuza kif migjuba kontrih kif ukoll tikkonferma l-liberatorja tal-akkuzat mill-akkuzi enumerati (2), (5) sa (11), (15) sa (17), filwaqt illi tirrevoka l-parti tas-sentenza fejn il-Qorti lliberat lill-akkuzat mit-tielet, ir-raba` w l-erbatax- l-akkuza migjuba kontrih u minflok issibu hati taghhom, filwaqt li tirrevoka wkoll dik il-parti koncernanti l-piena li nghatat kontra Paul Caruana inkluz it-terminu moghti ai fini tal-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan, u wara li ssib lill-appellat hati tal-akkuzi (1), (3), (4), (12), (13) u (14) tipprosegwi billi tinfliggi piena aktar idonea ghac-cirkostanzi tal-kaz ai termini tal-Ligijiet ta' Malta inkluz terminu aktar adegwat ai fini tat-terminu

impost ghall-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-appellat, jew alternattivament

2. tikkonferma dik il-parti fejn l-appellat instab hati tal-ewwel, tat-tnax u tat-tlettax-il akkuza, tikkonfermha fejn gie lliberat mill-bqija tal-akkuzi, filwaqt li tirrevoka dik il-parti koncernanti l-piena li nghatat kontra Paul Caruana, u wara li terga ssib lill-appellat hati tal-akkuzi ai termini tal-artikolu 226 tal-Kapitolu 9 u 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, tipprosegwi billi tinfliggi piena gdida w aktar adegwata ghac-cirkostanzi inkluz terminu aktar adegwata ai fini tat-terminu impost ghall-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-appellat u dan dejjem ai termini tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

Illi in vista tal-fatt illi bis-sentenza mogħtija u bil-piena inflitta l-Qorti ghamlet interpretazzjoni zbaljata tal-provi u enuncazzjoni skoretta tal-ligi li wasslet ghall-liberatorja tal-akkuzat mit-tielet, raba w mill-erbatax l-akkuza kontrih kif ukoll il-piena kif imposta, allavolja fil-parametri tal-ligi ma tirriflettix il-gravita` tal-kaz in ezami.

**L-ewwel Aggravju – Il-Liberazzjoni mit-tielet u mir-raba’ akkuża**

L-ewwel aggravju huwa li meta l-Ewwel Onorabbli Qorti lliberat lill-akkużat mit-tielet u mir-raba’ akkuża kienet qalet li ‘ma nġabet ebda prova li l-imputat ħoloq provi foloz. Lanqas ma jirriżulta li l-imputat għamel xi denunzja lill-Pulizija.

Mill-istqarrija tal-imputat jirriżulta li huwa kien ikkomunika ma’ Raimondo Valerio Corradi sabiex dan jiddikjara l-falz fl-isptar u mal-awtoritajiet biex minn dan jibbenefika l-akkużat. Corradi kellu jgħid li kien hu li qed isuq il-

karozza involutat fil-kolliżjoni. Corradi ma kienx jaf bis-serjeta' tal-inċident u Corradi seta' jiġi investigat. Kieku l-għada l-imputat ma tax il-verżjoni t-tajba kiekui kienu jitteiħdu proċeduri ontra Corradi.

L-istess argument japplika għat-tieni sub-inċiż tal-artikolu 110 għax il-pUlizija kienu diġa' rċevew informazzjoni minn għand Corradi f'dan is-sens.

Fir-rigward ta' dana l-aggravju jista' jkun applikat l-artikolu 467(2) tal-Kap 9.

Skont l-arftikolu 42 tal-Kap 9 anki li wieħed sempliċiment ta struzzjonijiet twassal sabiex persuna titqies kompliċi.

Dan ir-reat huwa wieħed formali u għalhekk il-fatt li l-għada huwa ssana l-verżjoni tiegħu ma jistax jeżonerah mill-ħtija kriminuża.

**It-Tieni Aggravju – Liberazzjoni mill-erbatax-il imputazzjoni.**

It-tieni aggravji huwa għaliex il-Qorti tal-Maġistrati lliberat lill-imputat mill-erbatax-il imputazzjoni. Il-Qorti kkonkludiet li it-Temporary Import Licence inħarġet f'isem l-istess Corradi u għalhekk jekk kien hemm xi infrazzjoni din sarfet permezz ta' Corradi.

L-Avukat Ġenerali jissottometti li bl-użu tal-vettura in kwistjoni, l-imputat kien jaf li qed jikser id-dispożizzjonijiet tal-Kap 37 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan il-każ ukoll japplika l-kunċett ta' kompliċita'. Huwa sinifikanti li tlitt ijiem qabel il-ħruġ tat-Temporary Import Licence, l-imputat kien mar għand is-soċjeta' tal-assigurazzjoni sabiex l-assikurazzjoni toħroġ kemm fuqu kif ukoll fuq Corradi. L-appellat qatt ma seta' jsuq din il-vwettura dak in-nhar li seħħ l-inċident u lanqas seta' jkun fil-pussess tagħha.

**It-Tielet Aggravju – Dwar il-piena.**

Il-piena qegħda fil-parametri tal-Liġi iżda mhix idonea. Jekk din il-Qorti ssib ħtija dwar it-tielet u r-raba'

imputazzjoni, allura l-piena trid tinbidel għax ir-reati kkontemplati fl-artikolu 110(1)(2) tal-Kap 9 għandhom piena ta' priġunerija. Barra dina l-iskwalifika taħt il-Kap 65 hija fil-minimu tagħha.

Ikkonsidrat

L-ewwelnett din il-Qorti qed tintalab li tagħmel apprezzament ġdid tal-provi. Din il-Qorti ser timxi mal-prinċipji li mxiet fuqhom il-Qorti tal-Appell Kriminali qabel kif jdiher minn din is-silta t'hawn taħt.

'Illi gie ripetutament ritenut minn din il-Qorti, li dil-Qorti normalment ma tvarjax l-apprezzament tal-fatti li tkun ghamlet l-ewwel Qorti, sakemm din il-Qorti ma tqisx li l-konklużjoni tal-ewwel Qorti tkun "unsafe and unsatisfactory" , u dana fis-sens li fuq il-provi li jkollha quddiemha l-Ewwel Qorti u li jkunu jinsabu traskritti fil-process, hi suppost li ma tkun qatt waslet ghall-konklużjoni ta' ħtija li tkun waslet għaliha. U
dana ghaliex ghax kif gie ritenut mill-Qrati Ingliżi :-

"..assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case, with the conclusion of the learned Magistrate) because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witness, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case -including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings - leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed." (Rex. v. Cooper (1969) 1 QB 276 per Lord Chief Justice Widgery - BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) p.1392 citat b'approvazzjoni fl-appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Brian Caruana" (23.5.02 ).[1]

---

[1] Il-Pulizija vs R.Gauci 14 ta' Frar 2008.

Il-prinċipju stabbilit meta jkun l-imputat li jappella jgħodd ukoll għal meta jappella l-Avukat Ġenerali – din id-darba sabiex tara jekk hemmx raġuni għala għandha tinbidel xi liberatorja mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati.

Għalhekk l-eżami li għandha tagħmel din il-Qorti mhux li tara jekk taqbilx jew le mal-konklużjoni ta' ħtija raġġunta mill-Ewwel Qorti, iżda jekk dik il-konklużjoni l-Ewwel Qorti setghetx ukoll tasal għaliha "safely" fuq il-provi li kellha quddiemha. Sa hawn jasal l-eżerċizzju reviżjonarju ta' din il-Qorti meta si tratta ta' apprezzament ta' fatti.'

Ikkonsidrat;

**Punti ta' Fatt**

Għalhekk din il-Qorti għamlet eżami approfondit tal-fatti li għandhom x'jaqsmu mal-imputazzjonijiet li dwarhom l-Avukat Ġenerali intavola dan l-appell biex tara jekk hemmx lok li hi tiddisturba l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-Ewwel Qorti f' dan il-każ partikolarment fejn għandhom x'jaqsmu mal-aggravji tal-Avukat Ġenerali.

X'għamel eżattament l-appellat jirriżulta minn dan li ġej:

(a) X'qal l-appellat lill-Maġistrat Inkwirenti ( u lill-espert imqabbad mill-Qorti) fl-1 ta' Settembru, 2000 meta mar personalment ifittex lit-tali Maġistrat u għarrafha li ried jgħid il-verita'. Fix-xhieda tiegħu quddiem l-espert huwa qal li l-karozza involuta fl-inċident kienet on a temporary import licence u daħlet f'isem Raimonda Valerio Corradi. Huwa qal ukoll li dak il-lejt Corradi ma kellu x'jaqsam xejn mal-każ. Hawnhekk l-appellat ddieskriva kif seħħ l-inċident u żied jgħid li mal għal Corradi u qallu biex jidħol l-isptar u jgħid li hu (Corradi) kien involut fl-inċident. (fol 53).

(b) X'qall-istess Raimondo Valerio Corradi (a fol 106 matul l-inkjesta). Huwa qal hekk:

'Last night he phoned me up whilst I was at work and he stated that he had (had) a little accident and requested to

meet me in hospital. I got a lift to St luke's and when I met him there he asked me to state that I was in a state of shock.

I went inside the hospital (ara wkoll id-dokument a fol 117) and did as I was told and Paul left the hospital. He also suggested that I should I say that I do not remember anything about the accident.

At the Birkirkara Police Station I still said that I was the one involved and that Paul had nothing to do with the accident.' (fol 106).

(ċ) X'jirriżulta minn Dok JB a fol 113. Dan huwa r-road accident report li sar fil-31 t'Awwissu 2008 fl-0.15. Id-driver details jagħtu l-isem ta' Raimondo Valerio Corradi u li x-xufier tal-karozza no 445699 qal :

'That whilst he was proceeding down hill in Saint Andrew's Road, (he) saw a bright light opposite and finished on the other side of the road and does not remember anything more.'

L-uffiċjal inkarigat minn dan ir-rapport kien PS 586 Joe Brincat. Skont ix-xhieda ta' l-Ispettur Mario Bonello (a fol 214 u 215) id-dettalji tas-sewwieq saru magħrufin:

'billi huwa stess kien amr l-Isptar San Luqa, fejn infurmhom bl-inċident.'

Skont ix-xhieda ta' PS 586 Joseph Brincat (fol 253) huwa kien mar l-isptar fejn sab lil Raimondo Valerio Corradi. Huwa kellem lil Corradi li qallu li hu kien ix-xufier, staqsieh kief kien wasl l-isptar u qallu li kien wasslu ħabib tiegħu u li kien waħdu fil-BMW meta din ħabtet mal-Volkswagen. Huwa ppreżenta d-dokument esibit a fol 257 li huwa l-istess bħal dak a fol 114 iżda dan għandu biċċa żejda a fol 258 fejn jispjega lis aru aktar investigazzjonijiet u li x-xufier li kien qed isuq il-karozza BMW kien l-appellat. (Karozza ta' valur massimu ta' għaxart elef lira Maltija skont ix-xhieda ta' Joseph Cortis a fol 287).

(d) X'jirriżulta mid-dokument a fol 118. Dan huwa d-dokument dwar it-Temporary Importation of Private Road Vehicles or other items li rabat lil Raimondo Valerio Corradi b'dan li ġej b'referenza għall-karozza 445699:

'During my stay in Malta, I undertake, not to sell, **lend,** hire or otherwise dispose of the said vehicle and/ or item which is being importred solely for my personal use and that i will not leave the Island without this vehicle and/ or item without authorisation by the Comptroller of Customs.'

(e) Mix-xhieda tas-Supretendent Bartolo li a fol 237 xehed li l-Pulizija kienu kellmu lil John Correa li spjega kif kien seħħ l-inċident. Huwa qal ukoll li kienu ttieħdu proċeduri kontra Valerio Corradi (fol 247)

(f) Mill-istqarrija ta' Paul Caruana nnifsu (fol 249) ta' nhar it-30 t'Ottubru 2000 fejn huwa qal kif sar l-inċident. Kien hu li kien qed isuq il-BMW li fuqha kien ħareġ Temporary Import Licence f'isem Corradi fejn qal hekk:

'Hemm tkellimt ma' ċertu Corradi Raymond sabiex imur jistennieni l-Isptar San Luqa
.....

Jiena nżilt il-'Muddy Waters' qabel ħaduni l-ipstar, mort sibt lil Raymond Corradi, spjegajtlu x'inċident kont spiċċajt involut fih imma ma kontx jaf li kien daqshekk gravi, u għidtlu sabiex imur l-sptar u jgħid lit-tobba li kien huwa li kien qed isuq il-karozza. Naf li huwa hekk għamel...

Jiena ma kontx naf li jiena ma stajtx insuq il-karozza peress li kien daħħalha f'Malta huwa iżda kont naf li l-insurance kienet fuqna it-tnejn għax għamilha jiena stess. (Dan il-punt kien irrepetut).

U aktar 'l isfel qal dan:

''Jiena ma kontx naf dan. L-insurance tiegħi ma qaltlix li jiena ma stajtx insuq dina l-karozza.'

Dan il-permess kellu jiskadi fis-16 ta' Lulju 2000 iżda imbagħad iż-żmien iġġedded b'sitt xhur u għalhekk fiż-żmien meta seħħ l-inċident dan il-permess kien għadu fis-seħħ.

Minn dan kollu jidher ċar li (a) It-Temporary Import Licence ħarġet fuq Corradi u mhux fuq l-appellat; (b) Li Corradi kien ħalla l-karozza f'idejn l-appellat meta Corradi qatt ma seta' jagħmel dan; (ċ) Li l-appellat kien ipperswada lil Corradi jgħid li s-sewwieq tal-BMW kien Corradi nnifsu meta filfatt is-sewwieq kien l-appellat. Fuq dawn il-punti m'hemm ebda dubju.

**Punti ta' Dritt dwar L-ewwel aggravju.**

Dan l-aggravju għandu x'jaqsam mal-liberazzjoni mit-tielet u mir-raba' aggravju li għandhom x'jaqsmu mal-artikolu 110(1)(2) tal-Kap 9.

L-artikolu 110 tal-Kap 9 jgħid hekk:

'110. (1) Kull min bil-qerq joħloq jew iġiegħel jidher li donnu hemm fatt jew ċirkostanza, sabiex dan il-fatt jew ċirkostanza jkunu jistgħu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna oħra, bil-ħsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tiġi kontra s-sewwa akkużata jew misjuba ħatja ta' reat, jeħel, meta jinsab ħati, bħala xhud falz, bil-mod kif jingħad fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu.

(2) Kull min jiddenunzja lill-Pulizija Eżekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq joħloq it-traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sena.'

Fis-sentenza fl-ismijiet ''Il-Pulizija versus Joseph Zahra' (Appell Kriminali 404/2006) deċiż fit-22 ta' Settembru 2010 mill-Onor.Imħallef David Scicluna, il-Qorti kienet ikkwotat din is-silta mis-sentenza 'Il-Pulizija v. David Mizzi' mogħtija fis-16 ta' Frar 1998 (Vol. LXXXII.iv.117) mogħtija

mill-Onor.Imħallef Dr.Vicnent Degaetano dwar l-artikolu 110(1) tal-Kap. 9:

"Ir-reat ikkontemplat fis-subartikolu (1) tal-artikolu 110 tal-Kodiċi Kriminali hu dak tal-kalunja reali jew indiretta, u jiddistingwi ruħu mill-kalunja verbali jew diretta kkontemplata fl-artikolu 101 billi jirrikjedi li l-aġent ikun, b'qerq, materjalment ħoloq, jew materjalment giegħel li jidher li hemm prova kontra persuna oħra. Kemm fil-kalunja diretta kif ukoll f'dik indiretta, l-element formali tar-reat jikkonsisti filli wiehed ikollu l-ħsieb li jagħmel ħsara lil persuna oħra, billi jagħmel mill-ġustizzja strument ta' inġustizzja kontra dik il-persuna l-oħra. Fi kliem ieħor għar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(1) mhux biżżejjed is-sempliċi kliem, migjuba bil-fomm jew bil-miktub, li permezz tagħhom wieħed dolożament jakkuża persuna quddiem awtorita` kompetenti b'fatti ammontanti għal reat meta jkun jaf li dik il-persuna hi innoċenti, iżda hu meħtieġ li jinħolqu traċċi jew indizji materjali bil-ħsieb li dawn ikunu jistgħu jintużaw kontra dik il-persuna."

Il-Professur Sir Anthony Mamo jiċċita 'l Maino li jgħid dwar dan ir-reat:

"La calunnia reale consiste nel simulare a carico di persona che si sa innocente le tracce o gli indizi materiali di un reato …. Tale sarebbe il porre sul luogo del reato un oggetto simile a quello portato dalla persona che si vuole colpire, ovvero il porre sulla persona o nell'abitazione altrui un pugnale insanguinato, oppure una cosa furtiva."

Il-Professur Mamo jikkummenta hekk dwar dan ir-reat:

"The constituent elements of this crime emerge clearly from its definition. The material element consists in fabricating, that is, as the law says, falsely causing any fact to exist or appear to exist which may be used as evidence of a criminal offence against an innocent person. The intentional element consists in the intent on the part of the agent to procure that that person be unjustly convicted of or charged with the offence. If these two elements concur the crime subsists, even though the

person against whom the evidence was fabricated may not have been, in point of fact, convicted or even charged…. in the case of this form of calumnious accusation the crime cannot be said to be completed until the circumstance of fact falsely caused to exist or to appear to exist as aforesaid, becomes known to the competent authority." (Professur Sir Anthony Mamo paġina 28 Notes on Criminal Law Part II)

Għal dak li jirrigwarda l-artikolu 110(2) tal-Kap 9 is-sentenza 'Il-Pulizija versus David Zammit' tgħid hekk:

'Kwantru għar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(2) – is-simulazzjoni ta' reat – dan bħal fil-każ tal-kalunja,jinqasam f'simulazzjoni verabli jew diretta u simulazzjoni reali jew indiretta. Is-simulazzjoni reali jew indiretta tavvera ruħha meta wieħed bil-qerq joħloq traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar. Is-simulazzjoni verbali jew diretta tirrikjedi sempliċiment li l-aġent ikun iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li hu jkun jaf li ma seħħx'[2]

Il-Professur Mamo jikkommenta hekk:

'This crime differs from that of calumnious accusation in as much as in the simulation of offence there is no specific accusation against any determinate person and there is not, therefore, the intent to cause an innocent person to be unjustly convicted or charged.

The crime is completed by the presentation of such information, report or complaint to the executive police: and the crime is completed by the presentation of such information, report or complaint, so that the subsequent confession of the untruth would not avail to exclude it…..Finally the denunciation must be made without specifying the supposed offender…..

A real or indirect simulation would be had in the case of a person who, in order to make believe that he has suffered

[2] Vol LXXXII Part IV Appelli Kriminali fol 118.

a theft, breaks the locks, leaves a ladder against the wall or in the building, or a false key in his house, or devises other traces to give an appearance of reality to the simulated crime, in such manner as to cause the Police to proceed to the enquiry of the 'in genere' and the discovery of the author of the supposed crime….

The specific malice of this crime consists in the intent to deceive or mislead justice by denouncing or making appear an offence which is known not to have been committed….The motive of the agent is, almost always, to gain some particular profit for himself.'

Għall-kompletezza l-Qorti qed tirreferi wkoll għall-artikoli 535 tal-Kap 9 li jgħid dan li ġej fuq id-denunzja:

'Kull persuna tista' tagħmel denunzja lil uffiċjal tal-Pulizija Esekuttiva ta' reat li tkun ġiet taf bih b'kull mod li jkun, u li għalih il-Pulizija tista' tmexxi ex ufficio.'

Minn qari akkurat tal-ewwel subinċiż tal-artikolu 110 jinħtieġ il-ħolqien ta' fatt jew ċirkostanza li tista' tinġieb bħala prova kontra persuna oħra. Dan huwa l-element materjali. Il-kliem mhux biżżejjed iżda jinħtieġ ukoll il-ħolqien It-tieni element – l-element intenzjonali huwa li persuna innoċenti tkun misjuba ħatja jew akkużata bit-tali reat. Iridu jikkonkorru dawn iż-żewġ elementi sabiex ikun hemm ir-reat skont l-artikolu 110(1).

Mill-fatti kif ppruvati mill-provi prodotti kienet ippruvata li l-appellat ipprova joħloq gidba – jiġifieri li kien ħadd ieħor li qed isuq u mhux hu. Iżda dan mhux fatt materjali għax ma ħoloq ebda ċirksotanza jew fatt. L-inċident stradali – li hawnhekk huwa l-fatt materjali – kien tassew sar u ma kienx iffabrikat mill-appellat. Li pprova jipperswadi lil Corradi biex jgħid li s-sewwieq kien Corradi ma jammontax għall-ħolqien ta' xi fatt materjali. Skont is-sentenza 'Il-Pulizija versus David Mizzi' diġa' kkwotata 'jinħtieġ li jinħolqu taċċi jew indizji materjali' . Is-sottolinear taħt il-kelma 'materjali' mhix ta' din il-Qorti. U l-kelma 'materjalment' tidher darbtejn oħra f'din is-

sentenza żewġt ivrus mill-aħaħr ta' fol 120 – 'materjalment ħoloq jew materjalment ġiegħel'.

Fil-fehma tal-Qorti dan l-element huwa nieqes fil-fatti tal-lum. Wieħed jista' jqabbel il-fatti ta' dan il-każ ma' dawk stabbilit fil-każ 'Il-Pulizija versus Joseph Zahra' (22 ta' Settembru 2010) fejn intqal

'id-dokument MC3 kien qiegħed iġiegħel jidher li donnu hemm fatti jew ċirkostanzi li jkunu jistgħu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuni oħra.

Min-naħa f'dan il-każ m'hemm ebda prova ta' xi fatt jew ċirkostanza materjali bħalma jidher fil-każ li għalih saret referenza.

Barra dan, iċ-ċirkostanza trid tkun inħolqot b'qerq. F'dan il-każ li l-inċident żgur ma nħoloq bl-ebda qerq. U il-'gidba' li Corradi ntalab jgħid ma kinitx xi ħaġa li saret minn warajh iżda l-istess Corradi kien jaf biha u qed jgħidha biex jagħmel pjaċir. Għalhekk il-Qorti qed taqbel mal-ewwel Qorti u mhix issib lill-appellat ħati taħt l-ewwel subiniċiż tal-artikolu 110 la bħala awtur u lanqas bħala kompliċi.

Dwar it-tieni sub-inċiż tal-artikolu 110 . Fis-simulazzjoni ta' reat m'hemmx akkuża speċifika kontra persuna determinata u allura m'hemmx l-intenzjoni li wieħed jagħmel ħsara lil xi persuna innoċenti. Skont l-Antolisei:

'(4) L'ultima condizione e' negativa. Non deve trattarsi di incolpazione personale, vale a dire, il fatto non deve essere attribuito a un determinato individuo, perche' altirmenti si avrebbe il delitto piu' grave di calunnia.' ( Ara: Il-Pulizija versus Marco Risiott tat-2 ta' Marzu 2011 deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Onor. Imħallef Dr.David Scicluna).

F'dan il-każ ma saret ebda denunzja – li wieħed jagħmel minn rajh għax Corradi m'għamel xejn minn rajh. Huwa rrisponda għal dak li qalulu l-Pulizija u mhux mar jagħmel

xi rapport. Jekk m'għamilx denunzja Corradi lanqas m'għamel l-appellat.

Iżda barra dan, meta Corradi qed jgħid li kien hu s-sewwieq (a) la kien qed jiddendunza u (b) lanqas qed jiddenunzja fatt li ma seħħx għax il-fatt (l-inċident stradali) kien seħħ u (ċ) kien qed jipponta lejh innifsu u allura l-kondizzjoni msemmija mill-Antolisei tispiċċa għax jiġi li l-fatt qed ikun attribwit lil persuna determinata (Corradi innifsu). Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Ewwel Qorti ddeċidiet korrettement meta ma sabitx lill-appellat ħati tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni. Għaldaqstant qed tiċħad l-ewwel aggravju tal-Avukat Ġenerali.

**It-Tieni Aggravju – Il-Liberazzjoni mill-erbatax-il akkuża.**

L-Avukat Ġenerali straħ fuq il-kliem tal-erbatax-il akkuża li qed tkun riprodotta:
'Qieghed jigi akkużat f'isem il-Kontrollur tad-Dwana u f'isem il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-valur mizjud talli nhar il-31 ta' Awissu 2000 u/jew f'xi data qabel, kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tiegħu billi laqa'/jew żamm il-vettura tal-marka BMW bin-numru tar-Registrazzjoni ta' barra 445699, mingħajr l-awtorita' meħtieġa tal-Kontrollur tad-Dwana'

Iżda l-Qorti hija marbuta li tiddeċiedi fuq l-artikoli li ngħataw mill-Avukat Ġenerali. L-Avukat Ġenerali ta dawn l-artikoli mill-Kap 37: 60(c)(d)(e)(k) u 62(a)(b)(c)(e)(f)(g)(h)(l)(k)(n) . Għalhekk trid issib ħtija jew le skont dawn l-erbatax-il subinċiż.

L-ebda wieħed mis-subinċiżi tal-artikolu 60 mogħtija ma jkopri l-erbatax-il akkuża. Dawn is-subinċiżi (fil-qosor) għandhom x'jaqsmu ma' affarijiet li jittieħdu minn xi vapur,

quay, wharf jew kull post ieħor mingħajr eżami tal-uffiċjali tad-dwana jew affarijiet li jkunu warehoused u ttieħdu mingħajr ma jaf l-uffiċjal responsabbli, jew affarijiet li jkunu ittieħdu klandestinament minn xi warehouse jew post tas-sigurata' jew jekk xi eprsuna timporta xi affarijiet u din il-persuna hija involuta f'xi evażjoni tat-taxxa.

Is-subinċiżi tal-artikolu 62 (fil-qosor) ikopru importazzjoni ta' affarijiet ipprojbiti, li wieħed iniżżel minn fuq vapur affarijiet ipprojbiti, li persuna tieħu xi affarijiet minn vapor, quay, wharf jew kull post ieħor xi affarijiet li jkunu għadhom mhux eżaminati, xjentement jgħidn fit-tneħħija ta' affarijiet minn xi post tal-gvern, xjenetement jaħbi xi affarijiet li huma ipprojbiti jew li fuqhom ma tħallsitx dwana, xjenetement jilqa' dawn l-affarijiet, li jkun b'xi mod xjentement imdaħħal biex iġorr, jiddepożita jew jaħbi dawn l-affarijiet bl-intenzjoni li jiffroda l-gvern ta' Malta, jgħin jew jassisti biex isiru dawn ir-reati; jesporta xi oġġett li huwa suġġett għall-ħlas tad-dwana jew li hemm xi restrizzjonijiet fuqu, ma jagħmilx id-denunzja fiż-żmien stipulat taħt l-artikolu 6(3) tal-Import Duties Act fejn suppost iħallas id-dazju. Fil-fehma tal-Qorti l-erbatax-il imputazzjoni lanqas ma taqa' taħt xi wieħed jew aktar minn dawn is-subiniċiżi. Fuq kollox it-Temporary Import Permit kien fuq isem Corradi u kien dan li ried jieħu ħsieb li ma jislifx il-karozza. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad it-tieni aggravju tal-Avukat Ġenerali.

**L-Aħħar Aggravju – Dwar il-piena.**

L-Avukat Ġenerali jagħmel din it-talba bħala alternattiva għall-ewwel talba tiegħu. Biss l-inċidenti msemmijin ġraw fis-sena 2000 waqt li l-piena tal-artikolu 226 għoliet fis-sena 2002 (Att Numru III). **Dak iż-żmien** il-piena għar-reat taħt l-artikolu 226(1)(a) tal-Kap 9, li taħtu sabitu ħati l-Qorti, kienet jew ta' sitt xhur priġunerija jew ta' Lm1000. L-Ewwel Qorti ddeċidiet li tikkundanna lill-appella multa ta' 2000 Ewro. (ftit anqas minn €2330). Dan ifisser li l-Ewwel Qorti mhux biss tat piena li kienet fil-parametri tal-Liġi iżda prattikament tat kważi l-ogħla piena li setgħet tagħti dak iż-żmien. Ma tistax tingħata piena ogħla li kienet fis-seħħ meta sar ir-reat ġaladarba il-piean kienet aktar baxxa

minn dik li hemm fil-kodiċi illum. Dan imur kontra l-istess Kap 9, l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Dwar l-iskwalifika mis-sewqan, il-Qorti qed tqis li anke din kienet fil-parametri tal-piena skont l-artikolu 15(1) (2) tal-Kap 65, l-uniku artikolu li ngħata mill-Avukat Ġenerali. Iżda l-Qorti qieset dawn iż-żewġ elementi: (i) is-serjeta' tal-każ (ii) id-dewmien biex ngħatat l-ewwel sentenza. Il-Qorti tal-Maġistrati kif preseduta ħadmet bis-sħiħ biex tħaffef il-każ u saħansitra ssolleċitat lill-Prosekuzzjoni darbtejn sabiex ittella' l-provi malajr. Għal dan id-dewmien ma kien jaħti ħadd – la l-appellat u lanqas il-Prosekuzzjoni li talbet numru ta' differenti li jidhru ġustifikati minħabba li kellha impenji quddiem qrati oħra. Wara li qieset dan kollu, il-Qorti qed tiddeċiedi li għandha tilqa' dik il-parti tal-aggravju (jew it-talba alternattiva) tal-Avukat Ġenerali dwar il-perjodu tal-iskwalifika mis-sewqan u għalhekk qed tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fit-2 ta' Diċembru 2010 fejn l-appelalt kien ikkundannat skwalifka mil-liċenzja tas-sewqan għal tliet xhur u minflok qed tirriformha kif jidher hawn taħt.

## Konklużjoni

Il-Qorti qed tiċħad l-aggravji kollha tal-Avukat Ġenerali iżda qed tirriforma s-sentenza kif ġej: qed tikkonferma s-sentenza tat-2 ta' Diċembru 2010 fejn hija ma sabitx ħtija fit-tielet, fir-raba' u fl-erbatax-il imputazzjoni, fejn sabet ħtija fl-ewwel, fit-tnax u t-tlettax l-imputazzjoni, fejn illiberat mill-akkużi l-oħra, u fejn ikkundannat lill-appellat iħallas multa ta' €2000 kif ukoll l-ispejjeż tal-esperti maħtura u tirriformha f'dik il-parti tal-piena billi qed tirrevokha f'dik il-parti tal-piena biss fejn l-Ewwel Qorti ikkundannat lill-appellat għal perjodu ta' skwalifika mis-sewqan għal perjodu ta' tliet xhur u minflok qed tikkundannah għal skwalifika mis-sewqan għal perjodu ta' disa' xhur li jibdew jiddekorru min-nofs il-lejl u minuta ta' llum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------